MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 919/2006

**Pierina Zammit ghad-ditta Medimports (ID837348M)**

**vs**

**Jurgen Cassar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ sitt mija disgha u sebghin Lira Maltin u tletin centezmi u disa’ millezmi (LM697.30,9) rapprezentanti xoghol mghoddi lilu, li minnu qed jitnaqqas is-somma ta’ tmenin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu u seba’ millezmi, (LM80.21,7), (xoghol ritornat:LM56.947 u kreditu ta’ LM23.27) li jwassal ghall-ammont ta’ sitt mija u sbatax il-Lira Malitn u disa’ centezmi u zweg millezmi (LM617.09,2), minbarra l-ispejjez ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00) skond fattura dokuement A, ta’ zewg ittri bonarji ammontanti ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00), tal-24 ta’ April, 2006 u 4 ta’ Lulju, 2006 u konsulti relattivi.

Bl-ispejjez kontra l-konevnut imharrek in subizzjoni u bl-imghax mahdum skond l-Avviz Legali 233/2005.

It-Tribunal ra Nota tal-attrici li biha gie ridott l-ammont dovut ghall-hames mija u dsatax-il Lira u hamsa u tmenin centezmi u tlett millezmi (LM519.85,3), wara hlas akkont tas-sorte, imghax u spejjez fil-mori tal-kawza.

Illi l-konvenut Jurgen Cassar ghalkemm interpellat sabiex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti.

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas l-hawn fuq imsemmi ammont ta' hames mija u dsatax-il Lira u hamsa u tmenin centezmi u tlett millezmi (LM519.85,3), lill attrici nomine.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr Renzo Porzella Flores fit-13 ta' April, 2007.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------